Prekawzjonijiet tas-Sigurtà għall-Utent

Malti

Magnus 800 Platesetter

653-00912A-MT Rev A
Intern 731-00362A-MT Rev A

graphics.kodak.com

Kodak

Copyright

© 2006 Kodak. Il-jeddijiet kollha huma miżmuma.

Dan id-dokument hu ddistribwit ukoll fil-format PDF (Portable Document Format) ta' Adobe Systems Incorporated. Inti tista' tirriproduċi d-dokument mill-fajl PDF għall-użu intern. Kopji prodotti minn fajl PDF iridu jkunu riprodotti b'mod sħiħ.

Marki Registrati

Creo u Magnus huma marki reġistrati ta’ Kodak.

Adobe, Acrobat, Adobe Illustrator, Distiller, Photoshop, PostScript, u PageMaker huma marki reġistrati ta' Adobe Systems Incorporated.

Apple, iMac, Power Macintosh, Mac OS, AppleShare, AppleTalk, TrueType, ImageWriter, u LaserWriter huma marki reġistrati ta' Apple Computer, Inc. Macintosh hi marka reġistrata ta' Apple Computer, Inc., reġistrata fl-Istati Uniti ta' Amerika u pajjiżi oħra.

PANTONE, Hexachrome, PANTONE Hexachrome, u PANTONE MATCHING SYSTEM huma l-proprjetà ta' Pantone, Inc.

PEARL, PEARLsetter, PEARLhdp, PEARLdry, u PEARLgold huma marki reġistrati ta' Presstek, Inc.

XEROX® hi marka reġistrata ta' XEROX CORPORATION.

Konformità FCC

Kwalunkwe tagħmir tal-Kodak li hemm riferiment għalih f'dan id-dokument, hu konformi mal-ħtiġijiet f'Taqsima 15 tar-Regoli tal-FCC għal tagħmir diġitali ta' Klassi A. It-tħaddim tat-tagħmir tal-Kodak f'żona residenzjali jista' jikkawża interferenza inaċċettabbli lir-riċezzjoni tar-radju jew tat-TV, li tkun teħtieġ li l-operatur jieħu dawk il-passi li jkunu neċessarji biex jikkoreġi l-interferenza.

Riċiklaġġ tat-Tagħmir

Fl-Unjoni Ewropea, dan is-simbolu jindika li meta l-aħħar utent ikun irid jarmi dan il-prodott, dan irid jintbagħat f'faċilitajiet adattati għall-irkupru u r-riċiklaġġ.



Ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tiegħek tal-Kodak jew żur www.kodak.com/go/recycle/ għal tagħrif addizzjonali dwar il-programmi ta' ġbir u rkuprar għal dan il-prodott.

Limitazzjoni tar-Responsabbiltà

Il-prodott, softwer jew servizzi qed jiġu pprovduti fuq bażi ta' “kif inhu” u “kif disponibbli”. Ħlief hekk kif jista' jkun iddikjarat speċifikament fil-kuntratt tiegħek, Kodak espressament tiċħad il-garanziji kollha ta' kwalunkwe tip, kemm jekk espressi jew impliċiti, li jinkludu, iżda li mhumiex limitati għal, kwalunkwe garanziji impliċiti ta' merkantibilità, adegwatezza għal skop partikulari u l-prevenzjoni tal-ksur tal-liġi.

Inti tifhem u taqbel li, ħlief hekk kif jista' jkun iddikjarat speċifikament fil-kuntratt tiegħek, Kodak mhux ser tkun responsabbli għal kwalunkwe ħsarat diretti, indiretti, inċidentali, speċjali, konsegwenzjali jew eżemplari, li jinkludu, iżda li mhumiex limitati għal, ħsarat għal telf ta' qligħ, telf ta’ reputazzjoni, użu, data jew telf intanġibbli ieħor (anki jekk Kodak kien avżata bil-possibbiltà ta' ħsarat bħal dawn), li jirriżultaw minn: (i) l-użu jew l-inabilità li tuża l-prodott jew is-softwer; (ii) l-ispiża tax-xiri ta' oġġetti li jiġu mibdula u servizzi li jirriżultaw minn kwalunkwe prodotti, oġġetti, data, softwer, informazzjoni jew servizzi li jkunu nxtraw; (iii) aċċess mhux awtorizzat għal, jew it-tibdil tal-prodotti, softwer jew data tiegħek; (iv) dikjarazzjonijiet jew imġiba ta' kwalunkwe terza parti; (v) kwalunkwe ħaġa oħra relatata mal-prodott, softwer, jew servizzi.

Il-kitba u t-tpinġijiet li huma inklużi hawnhekk huma għal skopijiet ta' illustrazzjoni u referenza biss. L-ispeċifikazzjonijiet li fuqhom huma bbażati huma suġġetti għat-tibdil. Kodak tista', fi kwalunkwe ħin u mingħajr l-ebda avviż, tagħmel tibdil f'dan id-dokument. Kodak ma tassumi l-ebda responsabbiltà għal żbalji jew nuqqasijiet tekniċi jew editorjali li jsiru hawnhekk, u mhux ser tkun responsabbli għal ħsarat inċidentali, konsegwenzjali, indiretti, jew speċjali, li jinkludu, mingħajr limitazzjoni, it-telf ta' l-użu, telf jew tibdil ta' informazzjoni, dewmien, jew telf ta' qligħ jew tfaddil li jirriżultaw mill-użu ta' dan id-dokument.

graphics.kodak.com
Intern 731-00362A-MT Riv A

Diċembru 2006

Magnus 800 Platesetter Prekawzjonijiet tas-Sigurtà għall-Utent

Simboli Użati f'Dan il-Manwal 2

Introduzzjoni 3

Prekawzjonijiet tas-Sigurtà ta' l-Installazzjoni 11

Prekawzjonijiet tas-Sigurtà Bażiċi u tal-Laser 13

Appoġġ Remot 20

Tikketti tat-Twissija 22

Postijiet tat-Tikketti tat-Twissija tal-Magnus 800 Platesetter 28

Prekawzjonijiet tas-Sigurtà tat-Tanbur 32

Universal Debris Removal Cabinet (UDRC) 33

Sistema tat-Tkessiħ tal-Fluwidi 33

Filtru ta' l-Arja tas-Sistema tat-Tkessiħ 33

Livelli ta' Emissjonijiet tal-Ħsejjes 34

Status Light Board 34

Kif Timmaniġġja l-Pjanċi 34

Toqob tal-Vacuum tat-Tanbur 35

Konnessjonijiet ta' l-Elettriku u Pnewmatiċi 35

Batterija tal-Litju 36

Għotjien tal-Kejbils 36

It-Tmiem tal-Ħajja Utli 36

Simboli Użati f'Dan il-Manwal



PERIKLU: Dan jindika sitwazzjoni perikoluża li tista' sseħħ b'mod imminenti li, jekk ma tkunx evitata, ser tirriżulta f'mewt jew f'korriment serju. Dan mhux ser iwissik dwar xi inċident li jinvolvi ħsara lill-proprjetà ħlief jekk riskji ta' korriment personali jkunu marbuta ma' l-inċident.



TWISSIJA: Dan jindika sitwazzjoni potenzjalment perikoluża li, jekk ma tkunx evitata, tista' tirriżulta f'mewt jew f'korriment serju. Dan mhux ser iwissik dwar xi inċident li jinvolvi ħsara lill-proprjetà ħlief jekk riskji ta' korriment personali jkunu marbuta ma' l-inċident.



ATTENZJONI: Dan jindika sitwazzjoni potenzjalment perikoluża li, jekk ma tkunx evitata, tista' tirriżulta f'korriment żgħir jew moderat. Dan jista' wkoll iwissik dwar prattiċi perikoluży jew inċidenti potenzjali li jinvolvu ħsara fil-proprjetà biss.



Nota: Nota ser tipprovdi tagħrif addizzjonali li jista' jkun li teħtieġ li tikkunsidra.

Introduzzjoni

Kwalunkwe persuna li tħaddem il-Magnus 800 platesetter irid ikollha aċċess għal dan id-dokument.
Aqra d-dokument bl-attenzjoni, qabel tħaddem jew tagħmel manutenzjoni fuq il-Magnus 800 platesetter.



Nota: Din il-gwida tas-sigurtà tapplika biss għall- *Magnus* 800 platesetter. Jekk tħaddem il-*Magnus* Single-Cassette Autoloader u/jew il-*Magnus* Multi-Cassette Autoloader allura għandek taqra wkoll id-dokumentazzjoni tagħhom assoċjata mas-sigurtà.

Il-platesetter hu prodott tal-laser ta' Klassi 1, skond IEC60825-1 u USA 21 CFR 1040. Dan jimplika li mhemmx radjazzjoni perikoluża tal-laser, sakemm il-prekawzjonijiet tas-sigurtà ta' l-utent u tal-manutenzjoni jkunu obduti.

Magnus 800 deskrizzjoni tas-sigurtà fil-qosor - kif tevita perikli ta' l-espożizzjoni



TWISSIJA: Il-platesetter għandu ġo fih sorsi tal-laser viżibbli u inviżibbli, li t-tnejn huma perikoluży ħafna għall-għajnejn.

1. Żomm il-bibien esterni u l-ostakli protettivi interni kollha tal-platesetter sħaħ, mingħajr ħsara u intatti!
2. Qatt tegħleb il-laser jew kwalunkwe swiċċ interlock ieħor!
3. Qatt tħalli xi oġġett bejn il-laser thermal head u t-tanbur.
4. Tiftaħx bibien jew għotjien interni. Tużax għodda!
5. Tħaddimx il-platesetter jekk hemm xi dubju dwar dak li ntqal hawn fuq. Ikkuntattja lill-inġinier tal-manutenzjoni tiegħek.

Ittieħdu miżuri estensivi fid-disinn u fil-manifattura tal-platesetter biex jiġu eliminati l-perikli lill-operatur u lill-personal tal-manutenzjoni.

Segwi l-istruzzjonijiet f'dan id-dokument bl-attenzjoni biex tiżgura s-sigurtà tiegħek u s-sigurtà ta' l-oħrajn meta tħaddem jew tagħmel manutenzjoni fuq il-platesetter.

Kif Jidher il-Magnus 800 Platesetter



Figura 1: Dehra minn quddiem



Figura 2: Dehra minn quddiem bl-għata u bil-pjattforma tat-tagħbija mtellgħa



Figura 3: Dehra minn wara



Figura 4: Naħa tax-xellug



Figura 5: Naħa tal-lemin




Figura 6: Buttuni stop ta’ l-emerġenza tal-platesetter




Figura 7: Swiċċ rotary primarju li jiskonnettja, circuit breakers 1 u 2



Figura 8: Platesetter bl-għata mtellgħa




Figura 9: Platesetter bl-għata, pjattforma tat-tagħbija u pjattaforma tal-ħatt imtellgħa




Figura 10: Platesetter bil-pannell ta' quddiem tan-naħa ta' fuq imneħħi u bil-pjattforma tat-tagħbija mtellgħa




Figura 11: Platesetter bil-pannell ta' wara tan-naħa t'isfel imneħħi

Prekawzjonijiet tas-Sigurtà ta’ l-Installazzjoni

L-installazzjoni trid titwettaq biss minn personal awtorizzat tal-manutenzjoni.

Il- *Magnus* 800 platesetter hu installat u mogħti l-manutenzjoni esklussivament minn tekniċi speċjalizzati. Dawn it-tekniċi huma mħarrġa, awtorizzati u ċċertifikati fil-proċeduri xierqa biex jaħdmu fuq, u jaġġustaw, is-sistema tal-laser, u biex jaħdmu fuq is-sistemi mekkaniċi, tat-tkessiħ u ta’ l-elettriku tal-platesetter.



TWISSIJA: Tqabbadx il-platesetter mal-provvista ta’ l-elettriku qabel ma tkun installata mill-personal awtorizzat tal-manutenzjoni.



TWISSIJA: Personal iċċertifikat tal-manutenzjoni biss għandu permess li jagħmel xogħol ta’ manutenzjoni fuq il- *Magnus* 800 platesetter.



TWISSIJA: Il-personal iċċertifikat tal-manutenzjoni biss għandu permess biex iwaħħal is-single u l-multi-cassette autoloader mal- *Magnus* 800 platesetter!
Il-personal iċċertifikat tal-manutezjoni biss għandu permess biex iżarma s-single u l-multi-cassette autoloader minn mal- *Magnus* 800 platesetter!

Kif Tiskonnettja minn mal-Mains u Kif Tirrisettja s-Circuit Breakers

Kif Tiskonnettja minn mal-Mains

Il- *Magnus* 800 platesetter hu mgħammar bi swiċċ rotary primarju li jiskonnettja, li jinsab fuq il-kaxxa tas-circuit breaker fuq in-naħa tax-xellug tal-platesetter. Hemmhekk hemm ukoll l-on/standby push button, u żewġ circuit breakers (CB1 u CB2) addizzjonali.

Nota: Il-buttuni stop ta' l-emerġenza jinsabu fuq in-naħa ta' fuq, fuq il-lemin, u fuq in-naħa ta' fuq, fuq ix-xellug tal-platesetter, u wara l-pannell ta' quddiem tan-naħa ta' fuq. Jekk tagħfas xi waħda minn dawn il-buttuni, dan ser iwaqqaf l-operazzjoni li tkun qed issir, iżda ma jiskonnettjax il-platesetter minn mal-mains.

TWISSIJA: Biex tiskonnettja l-platesetter minn mal-mains trid tabilfors idawwar s-swiċċ rotary primarju fuq l-off (tissettjah fuq "0"), jew billi taqla' mill-plagg il-kejbil tad-dawl minn mal-mains.

Kif Tirrisettja s-Circuit Breakers

Nota: Circuit breaker CB1 hu għal tlett unitajiet interni tal-provvista tad-dawl, filwaqt li circuit breaker CB2 hu għas-single-cassette autoloader, it-tanbur, il-fanns u ċ-chiller.

Nota: Circuit breaker speċjali għall-pompa tal-vacuum tat-tanbur jinsab fuq ġewwa qrib il-pompa tal-vacuum fuq in-naħa ta' wara tal-platesetter (ara *Figura 11*).

Nota: L-utent għandu permess li jirrisettja kwalunkwe wieħed mit-tliet circuit breakers.

TWISSIJA: Meta tirrisettja circuit breaker, l-ewwel dawwar is-swiċċ rotary primarju fuq off, irrisettja s-circuit breaker, u mbagħad dawwar is-swiċċ rotary primarju fuq on.

TWISSIJA: Jekk circuit breaker ikun qed jiskonnettja ripetutament, itfi l-platesetter u ċempel biex issir il-mauntenzjoni.

ATTENZJONI: Il-pompa vacuum, qrib it-tielet circuit breaker, tista' tkun taħraq.

Kif Tiskonnettja l-Pressjoni ta' l-Arja Pnewatika

It-tifi tal-pressjoni ta' l-arja jsir billi titfi l-provvista ta' l-arja. Il-*Magnus* 800 platesetter jirċievi l-pressjoni ta' l-arja pnewatika mill-unità tal-filtrazzjoni li qiegħda mal-ħajt. Dawwar il-valv biex tagħlaq il-pressjoni ta' l-arja.

Prekawzjonijiet tas-Sigurtà Bażiċi u tal-Laser

It-taqsima tal-prekawzjonijiet tas-sigurtà bażiċi u tal-laser tinkludi dan li ġej:

- Thermal imaging laser head
- Għeluq
- Interlocks tas-sigurtà
- Tikketti tat-twissija



TWISSIJA: L-użu ta' kontrolli jew aġġustamenti, jew proċeduri tal-prestazzjoni li mhumiex dawk speċifikati f'dan il-manwal, jistgħu jirriżultaw f'espożizzjoni perikoluża tar-radjazzjoni.

Il-platesetter hu mgħammar b'sistema tal-laser li hi perikoluża ħafna, li tesponi l-medja. Madankollu, il-platesetter b'mod sħiħ, hu prodott tal-laser ta' klassi 1, skond l-istandards internazzjonali tas-sigurtà IEC60825-1 u l-American USA 21 CFR 1040. Dan jimplika li l-operatur u l-inġinier tal-manutenzjoni ma jirċevux radjazzjoni tal-laser perikoluża, bil-kundizzjoni li l-prekawzjonijiet tas-sigurtà jkunu obduti.



TWISSIJA: Ir-raġġ tal-laser u radjazzjoni tal-platesetter fihom komponenti inviżibbli u viżibbli, li t-tnejn huma perikoluži għall-għajnejn u għall-ġilda. Fil-preżenza ta' materjal li jista' jieħu n-nar, ir-raġġ tal-laser hu wkoll periklu li jista' jqabbad in-nar! Anke espożizzjoni qasira ta' l-għajnejn għar-radjazzjoni jew għar-raġġ tal-laser, jew ir-riflessi tagħha minn oġġetti li jleqqu jew matti, tista' tikkawża telf permanenti jew degradazzjoni permanenti tal-viżta!



TWISSIJA: Meta tiġi f'dubju, il-platesetter m'għandu qatt jitħaddem sakemm ikun iċċekkjat u approvat għat-tħaddim minn inġinier tal-manutenzjoni awtorizzat.



TWISSIJA: Jekk ikun hemm xi ħsara viżibbli f'xi għeluq, swiċċ interlock, jew buttuna ta' l-emerġenza, allura l-platesetter m'għandux jintuża sakemm issirlu t-tiswija minn personal awtorizzat tal-manutenzjoni tal-Kodak. Kundizzjonijiet simili japplikaw għal kwalunkwe bibien jew pannelli li ma jingħalqux kif suppost.



TWISSIJA: Jekk ikollok bżonn tidħol fil-kamra fejn ikun hemm il-platesetter meta l-platesetter ikun imqabbad, u tissuspetta li xi waħda mill-prekawzjonijiet li ġejjin kienu b'xi mod miksura, allura għandek tiskonnettja l-provvista ta' l-elettriku tal-platesetter qabel ma tidħol fil-kamra.



TWISSIJA: Hu pprojbit li l-operatur juża kwalunkwe għodda.



TWISSIJA: Jekk l-inġinier tal-manutenzjoni jkun attiva kwalunkwe interlock defeaters, u l-bieb tan-naħa tal-lemin ikun miftuħ, toqgħodx fil-ġenb tal-platesetter fi kwalunkwe distanza.

Thermal Imaging Laser Head

Il- *Magnus* 800 platesetter għandu thermal imaging laser head ġo fih li hi perikoluża ħafna, li tesponi l-medja. It-thermal imaging laser head tuża żewġ laser emitters separati:

- Write laser inviżibbli
- Auto focus laser (aħmar) viżibbli



TWISSIJA: Tħaddimx it-thermal imaging laser head barra l-platesetter jew ma' kwalunkwe bibien jew pannelli miftuħin, u lanqas m'għandek tevita xi wieħed mill-mekkaniżmi tas-sigurtà tal-laser. L-awtput tal-laser jew ir-riflessi minn oġġetti li jleqqu jew matti jistgħu jikkawżaw ħsara serja u permanenti lill-għajnejn u l-ġilda u huma ta' periklu li jista' jaqbad in-nar fil-preżenza ta' materjal li jista' jieħu n-nar.



PERIKLU: Anke espożizzjoni qasira ta' l-għajnejn għar-radjazzjoni jew għar-raġġ tal-laser, jew ir-riflessi tagħha minn oġġetti li jleqqu jew matti, tista' tikkawża telf permanenti jew degradazzjoni permanenti tal-viżta!

Ir-raġġ tar-write laser hu inviżibbli (klassi IV, madwar 830 nm).

Is-swiċċijiet interlock qatt m'għandhom jintgħelbu kemm mill-operatur jew mill-personal tal-manutenzjoni!

L-auto focus laser hu viżibbli (aħmar) (klassi IIIB, madwar 670 nm).

L-auto focus laser interlock jista' jintgħeleb biss minn inġinier tal-manutenzjoni awtorizzat, filwaqt li jiġu obduti l-istruzzjonijiet tas-sigurtà kollha elenkati fid-dokumentazzjoni tas-sigurtà tal-manutenzjoni.



PERIKLU: Tħarisx direttament jew indirettament lejn l-auto focus laser. Espożizzjoni diretta ta' l-għajnejn għar-raġġ tal-laser, jew ir-rifless tiegħu jista' jikkawża ħsara permanenti fl-għajnejn.

Għeluq

Flimkien mas-sistema ta' l-interlock tal-laser, l-għeluq tal-platesetter hu maħsub biex jipproteġi lil kull min ikun fil-qrib tal-platesetter minn espożizzjoni għar-radjazzjoni tal-laser billi jagħlaq ir-radjazzjoni tal-laser ġol-platesetter. L-għeluq jinkludi l-bibien u l-pannelli esterni, u l-ostakli protettivi interni. L-ostakli interni li jistgħu jiżżarmaw mill-inġinier tal-manutenzjoni għandhom tikketti tat-twissija fuqhom li jindikaw li l-ostaklu jrid ikun f'postu. L-ostakli protettivi interni ma jħallux ir-radjazzjoni tal-laser taħrab minn ġol-ftuħ tat-tagħbija/ħatt tal-platesetter u minn ġo ftuħ ieħor, li jinkludu l-ispazji bejn il-bibien u l-pannelli esterni. Din il-protezzjoni tiddependi fuq il-kompletezza u l-immuntar korrett ta' l-għeluq estern u fuq l-ostakli protettivi interni.

TWISSIJA: Wara li twettaq kwalunkwe attività u qabel ma tisswiċċja **on** il-platesetter, l-inġinier tal-manutenzjoni jrid jiċċekkja u jiżgura li l-għeluq u l-bibien kollha esterni u interni huma kompleti, mhux miksura jew imxaqqa, u mmuntati kif suppost mal-platesetter.

PERIKLU: Jekk il-platesetter hu fuq ON u l-għeluq ikollu l-ħsara jew mhux komplet, u anke bil-bibien esterni magħluqa, allura radjazzjoni tal-laser viżibbli u/jew inviżibbli li jkollha qawwa sa diversi watts tista' tkun preżenti. Din ir-radjazzjoni hi perikoluża għall-għajnejn jew għall-ġilda. Anke espożizzjoni qasira ta' l-għajnejn għal din ir-radjazzjoni jew ir-rifless tagħha minn oġġetti li jleqqu jew matti, tista' tikkawża degradazzjoni permanenti jew telf permanenti tal-viżta!

ATTENZJONI: L-għata u pjattforma tat-tagħbija huma mtellgħa skond il-kmand fil-*Magnus* 800 Controller. L-għata hi tqila u titla' b'forza konsiderevoli. Aċċerta ruħek ma jkun hemm ħadd qrib il-platesetter meta ttella' jew tniżżel l-għata jew il-pjattforma tat-tagħbija.

ATTENZJONI: L-għata u l-pjattforma tat-tagħbija tal-platesetter, li t-tnejn huma tqal u huma bbilanċjati minn molol tas-sapport, jinfetħu 'l fuq. Oqgħod attent li ma taħbatx rasek!

Wara li l-għata tkun infetħet, ifridha mill-pjattforma tat-tagħbija. Dan ser jippermetti lill-għata li tittella' b'mod sħiħ, u flimkien ma' dan, ser tistabbilizza l-għata u l-pjattforma tat-tagħbija.

TWISSIJA: F'diversi postijiet fuq il-platesetter, hemm partijiet tal-metall sporġuti 'l barra li jistgħu jkunu perikoluži għall-għajnejn u l-ġisem. Dawn il-postijiet għandhom tikketti tat-twissija li juru id imtaqqba ġo trijangolu. Oqgħod attent li ma tweġġax b'dawn il-partijiet.

TWISSIJA: Meta l-għata u l-pjattforma tat-tagħbija jkunu mtellgħa, l-operatur jista' jiftaħ il-pannell ta' quddiem tan-naħa ta' fuq għall-immaniġġjar tal-biċċiet TEC/ LEC, għat-tindif ta' punched slugs mill-kaxxa tagħhom, jew għal "Kif Tneħħi Pjanċi Mwaħħlin". L-ebda wieħed minn dawn ix-xogħlijiet ma jeħtieġ l-użu ta' kwalunkwe għodda. Madankollu, l-operatur hu strettament ipprojbit li jiftaħ kwalunkwe bieb, ostaklu jew pannell li jeħtieġ biċċa għodda biex jinfetaħ.

Interlocks tas-Sigurtà

L-interlocks tas-sigurtà jipprovdu l-mezzi ewlenin tal-protezzjoni kontra perikli serji tal-laser u perikli mekkaniċi li jistgħu jseħħu bil-platesetter, bil-kundizzjoni li int tobdi bl-attenzjoni l-prekawzjonijiet kollha tas-sigurtà deskritti f'dan il-kapitlu.

TWISSIJA: L-interlock tas-sigurtà ma jiskonnettjax vultaġġ elettriku perikoluż minn partijiet u wajers ġol-platesetter. Madankollu, dawn il-partijiet, jeħtieġu l-għodda biex jintlaħqu.

TWISSIJA: Iridu jgħaddu sa żewġ sekondi biex is-sistema ta' l-interlock tal-laser titfi s-sorsi tal-laser. Għalhekk, meta tkun qed tiftaħ xi bieb jew pannell, tgħaġġilx biex ikollok aċċess għal ġol-platesetter.

Is-swiċċijiet interlock huma ddisinjati biex jiskonnettjaw il-provvista tad-dawl mis-sistema tal-laser, mill-mutur tat-tanbur u minn muturi oħrajn kull meta jinfetaħ bieb jew pannell interlocked.

TWISSIJA: L-utent mhux permess, taħt l-ebda ċirkustanza, li jegħleb kwalunkwe swiċċ interlock.


- Anke l-personal awtorizzat tal-manutenzjoni hu strettament ipprojbit li jegħleb ir-write laser interlocks, iżda hu permess li jattiva s-swiċċijiet defeat għall-focus laser u interlocks tal-muturi, filwaqt li jobdi l-istruzzjonijiet tas-sigurtà.

It-tabella li ġejja qed tiġi inkluża biss biex tipprovdi lill-operatur b'tagħrif dwar il-miżuri tas-sigurtà inklużi fil-platesetter.

TWISSIJA: L-operatur hu strettament ipprojbit li jegħleb kwalunkwe swiċċ interlock jew li jattiva kwalunkwe swiċċ defeat, jew juża għodda!

Operaturi Ċċertifikati tal-Kodak

Operatur iċċertifikat tal-Kodak biss, li kellu taħriġ speċjalizzat dwar l-interlocks tas-sigurtà, għandu permess biex idaħħal iċ-ċavetta l-ħamra defeater fis-swiċċ defeater tal-platesetter:



TWISSIJA: Operaturi li mhumiex iċċertifikati mill-Kodak m'għandhom taħt l-ebda ċirkustanza jitħallew idaħħlu ċ-ċavetta l-ħamra defeater fis-swiċċ defeater tal-platesetter.

Tabella 1: Funzjonijiet u postijiet tal-platesetter interlocks u swiċċijiet ta' l-emerġenza.

Post	Funzjoni	Deskrizzjoni
Għata / Pjattaforma tat-tagħbija - naħa tal-lemin	Iddiżattiva l-lasers u l-muturi	1 swiċċ interlock tas-sigurtà
Għata / Pjattaforma tat-tagħbija - naħa tax-xellug	Iddiżattiva l-lasers u l-muturi	1 swiċċ interlock tas-sigurtà
Bieb tan-naħa tax-xellug	Iddiżattiva l-lasers u l-muturi	1 swiċċ interlock tas-sigurtà 1 swiċċ interlock defeat push 1 ċavetta focus laser defeat rotate 1 buttuna stop ta' l-emerġenza qrib tal-bieb **Nota:** Biex tegħleb l-interlock tal-muturi, is-swiċċ push irid jintgħafas 'il ġewwa. Biex tegħleb il-focus laser interlock (u fl-istess ħin l-interlock tal-muturi, is-swiċċ push) u ċ-ċavetta rotate iridu jkunu attivati.

Post	Funzjoni	Deskrizzjoni
Bieb tan-naħa tal-lemin	Iddiżattiva l-lasers u l-muturi	1 swiċċ interlock tas-sigurtà 1 buttuna stop ta' l-emerġenza qrib tal-bieb
Il-pannell ta' quddiem tan-naħa ta' fuq - naħa tal-lemin	Iddiżattiva l-lasers u l-muturi	1 swiċċ interlock tas-sigurtà
Ġo (wara) l-pannell ta' quddiem tan-naħa ta' fuq - fin-nofs	Iddiżattiva l-lasers u l-muturi	1 buttuna stop ta' l-emerġenza
Il-pannell ta' quddiem tan-naħa ta' fuq - naħa tax-xellug	Iddiżattiva l-lasers u l-muturi	1 swiċċ interlock tas-sigurtà
Il-pannell ta' wara tan-naħa ta' fuq - naħa tal-lemin	Iddiżattiva l-lasers u l-muturi	1 swiċċ interlock tas-sigurtà
Il-pannell ta' wara tan-naħa ta' fuq - naħa tax-xellug	Iddiżattiva l-lasers u l-muturi	1 swiċċ interlock tas-sigurtà



PERIKLU: Jekk bieb jew pannell ikun miftuħ u jekk swiċċ interlock jintgħeleb, jew jekk is-sistema interlock ma taħdimx, allura jista' jkun hemm perikli mekkaniċi serji uand radjazzjoni tal-laser viżibbli u/jew inviżibbli li jista' jkollhom qawwa sa diversi watts. Ir-radjazzjoni tal-laser hi perikoluża għall-għajnejn u għall-ġilda. Anke espożizzjoni qasira ta' l-għajnejn għal din ir-radjazzjoni jew ir-rifless tagħha minn oġġetti li jleqqu jew matti, tista' tikkawża degradazzjoni permanenti jew telf permanenti tal-viżta!



Nota: Jekk tiġi skoperta xi ħsara fl-operat tas-sistema interlock, jidher messaġġ ta' twissija fil- *Magnus* Controller u fir-write laser, fil-focus laser, u l-movimenti mekkaniċi jitwaqqfu. Fi kwalunkwe każ, mhux kull ħsara possibbli tista' tiġi skoperta, speċjalment ħsara ta' swiċċ interlock singlu (per eżempju, fil-bibien tal-ġenb tan-naħa tal-lemin u tan-naħa tax-xellug).



TWISSIJA: Jekk il-messaġġ ta' twissija tas-sistema ta' l-interlock tal-laser jidher fil- *Magnus* Controller, itfi l-platesetter u tħaddmux mill-ġdid qabel ma jkun ġie ċċekkjat u approvat għat-tħaddim minn inġinier tal-manutenzjoni awtorizzat.

Buttuni Stop ta' l-Emerġenza

Buttuna stop ta' l-emerġenza tinsab fuq kull naħa tal-platesetter, it-tielet buttuna tinsab fuq ġewwa - wara l-pannell ta' quddiem tan-naħa ta' fuq. Meta tingħafas buttuna, il-moviment mekkaniku kollu u r-radjazzjoni tal-laser jieqfu.
Jekk tissuspetta li seħħ fly off ta' pjanċa jew ħsara mekkanika, uża l-buttuni stop ta' l-emerġenza biex twaqqaf temporanjament it-tanbur milli jdur.



Nota: Meta buttuna stop ta' l-emerġenza tkun attiva u tintreħa, il-platesetter għandu jintefa u jerġa' jitqabbad mill- *Magnus* Controller.



TWISSIJA: Il-buttuna stop ta' l-emerġenza ma tiskonnettjax l-elettriku ġol-platesetter.



TWISSIJA: Għalkemm il-buttuni stop ta' l-emerġenza jwaqqfu r-radjazzjoni tal-laser, m'għandekx torbot fuqhom għas-sigurtà tal-laser. Dan jiġri minħabba l-fatt li l-ħsara lill-għajnejn tista' sseħħ ħafna iktar malajr mill-attivazzjoni ta' l-istop ta' l-emerġenza.

Appoġġ Remot

Jekk ikun hemm aċċess għall-appoġġ remot, il- *Magnus* 800 platesetter jista' jitħaddem b'mod parallel kemm minn post lokali (fis-sit) kif ukoll minn post remot (ċentru tar-rispons).
Għalhekk, jekk jintgħeleb interlock, u l-platesetter jitħaddem minn post remot, l-inġinier tal-manutenzjoni jew operatur iċċertifikat tal-Kodak, jistgħu jkunu esposti għal radjazzjoni perikoluża tal-mutur u/jew radjazzjoni focus laser.
Fit-teorija, iżda mhux fil-prattika, il-platesetter jista' jitħaddem permezz ta' sit remot taħt xi waħda minn dawn it-tliet kundizzjonijiet li ġejjin:

- Il-bibien tal-platesetter, il-pannelli, u l-għata huma magħluqin. Dan hu l-iktar metodu sigur li bih tista' tħaddem il-platesetter b'mod remot.
- Bibien u pannelli li ma fihomx interlocks huma miftuħa. Dan hu metodu perikoluż biex tħaddem il-platesetter b'mod remot, u għalhekk għandu jiġi evitat.



TWISSIJA: Hu strettament ipprojbit li tħaddem b'mod remot il-platesetter jekk kwalunkwe bibien u pannelli li ma jkollhomx interlocks ikunu miftuħa.

- Il-bibien u pannelli li għandhom l-interlocks jintgħelbu biss mill-inġiniera tal-manutenzjoni jew operaturi ċċertifikati tal-Kodak Dan hu metodu li hu potenzjalment perikoluż li bih tħaddem b'mod remot il-platesetter, u għandu jintuża biss meta wieħed jobdi b'mod strett it-twissijiet t'hawn taħt:



TWISSIJA: Iċ-ċentru tar-rispons remot irid jikkuntattja s-sit lokali permezz tat-telefon qabel ma jibdew iħaddmu l-platesetter minn post remot.



TWISSIJA: L-inġinier tal-manutenzjoni u l-operaturi ċċertifikati tal-Kodak biss għandhom permess biex jegħlbu l-interlocks.



TWISSIJA: Meta l-platesetter ikun imħaddem minn post remot, hu pprojbit li tegħleb il-focus laser interlock. L-interlock tar-write laser qatt m'għandha tintgħeleb.

Prekawzjonijiet tas-Sigurtà tat-Tħaddim Remot

Iċ-ċentru tar-rispons irid jitlob permess mis-sit lokali qabel ma l-platesetter ikun jista' jitħaddem b'mod remot.
Il-messaġġ tat-talba li ġej ser jidher fuq il-monitor lokali (fis-sit):
Numru tal-MagnażIsem ta' l-Utent qed jitlob permess biex jikkontrolla s-sessjoni tiegħek b'mod remot. Taċċetta t-talba?
Il-messaġġ tat-talba għandu time-out ta' 30 sekonda. Jekk it-talba ma tiġix approvata fi żmien 30 sekonda, allura t-talba titħassar awtomatikament.
Jew l-inġinier tal-manutenzjoni jew l-operatur iċċertifikat tal-Kodak iridu jikklikkjaw fuq **Iva** (fi żmien 30 sekonda) biex jaċċettaw it-talba u jattivaw l-appoġġ remot.

TWISSIJA: Qabel ma taċċetta messaġġ tat-talba biex tħaddem il-platesetter minn post remot, aċċerta ruħek minn dan li ġej:

- L-inġinier tal-manutenzjoni u/jew l-operatur iċċertifikat tal-Kodak iridu jagħmlu żgur li l-ebda persuna ma tkun potenzjalment esposta kemm għal perikli mekkaniċi kif ukoll għal perikli mill-focus laser.
- Il-focus laser interlock ma tridx tintgħeleb qabel ma' taċċetta talba ta' l-appoġġ remot, u ma tridx tintgħeleb waqt sessjoni ta' appoġġ remot. L-interlock tar-write laser qatt m'għandha tintgħeleb.

L-appoġġ remot għandu jintemm (skonnettjat) permezz ta' wieħed minn dawn it-tliet metodi:

- Permezz tal-kompjuter taċ-ċentru tar-rispons remot.
- Permezz tal-kompjuter lokali.
  Biex tiskonnettja l-appoġġ remot minn mal-kompjuter lokali, ikklikkja darbtejn fuq l-ikona ta' l-appoġġ remot, li tinsab fuq id-desktop lokali:

  Jidher messaġġ ta' konferma. Ikklikkja **Iva** biex ittemm is-sessjoni, jew ikklikkja **Le** biex tkompli s-sessjoni.
- Billi tattiva l-buttuna stop ta' l-emerġenza.

Tikketti tat-Twissija

Il-paġni li ġejjin juru t- tikketti tat-twissija, u l-postijiet fejn jinsabu.

Aċċerta ruħek li t- tikketti tat-twissija huma f'kundizzjoni tajba; avża lill-inġinier tal-manutenzjoni tiegħek jekk tikketta tkun teħtieġ li tinbidel.

Nota: Il-magna pprovduta lilek għandu jkollha t-tikketti tat-twissija pprovduti fil-lingwa lokali tiegħek.

TWISSIJA: Avża lill-inġinier tal-manutenzjoni tiegħek jekk il-lingwa lokali tiegħek ma tkunx ipprovduta fuq it-tikketti tat-twissija.


TWISSIJA: It-tikketti tat-twissija huma pprovduti għas-sigurtà ta' l-utent u tal-personal tal-manutenzjoni. Tonqosx li tkun konformi mat-twissijiet!



Tikketta 1: 382-00888A



Tikketta 1: 382-00889A



Tikketta 20



Tikketta 2: 382-00956A



Tikketta 3: 382-01051A




Tikketta 3: 382-01052A






Tikketta 4: 382-01068A



Tikketta 12: 382-01004A



Tikketta 21



Tikketta 15: 382-00968A



Tikketta 16: 382-01016A



Tikketta 19: 382-01028A




Parti numru 374A9C009



Parti numru 374A7B951
Din it-tikketta twissi dwar perikli ta’ l-elettriku.

Postijiet tat-Tikketti tat-Twissija tal-Magnus 800 Platesetter

TWISSIJA: L-operatur hu pprojbit li jżarma kwalunkwe pannell jew għatu li jkun jeħtieġ l-għodda biex jiżżarma.



* Tikketta Lm12 tista' tinbidel ma' tikketta Lm21

Figura 12: Dehra minn wara




Figura 13: In-naħa kuntrarja tal-pannell ta' quddiem tan-naħa ta' fuq




Figura 14: Dehra min-naħa t'isfel ta' quddiem bl-għata u bil-pjattforma tat-tagħbija mtellgħa




Figura 15: Dehra min-naħa ta' fuq ta' quddiem bl-għata u bil-pjattforma tat-tagħbija mtellgħa

Prekawzjonijiet tas-Sigurtà tat-Tanbur

Il- *Magnus* 800 platesetter fih tanbur li jdur ġol-platesetter. Il-pjanċi jitgħabbew, jitgeżwru fuq it-tanbur, jiġu esposti u jinħattu.

It-tanbur normalment idur b'veloċità ta' 550 dawra kull minuta. Jekk oġġett jolqot it-tanbur li jkun qed idur, l-oġġett jista' jeħel ġol-platesetter u jikkawża l-ħsara (li tinkludi ħsara lis-sistema tas-sigurtà u l-laser thermal head), jew jagħmel ħsara lill-għeluq protettiv.

L-għata tinfetaħ fil-*Magnus* 800 Controller. Dan jattiva time-out li jagħmilha possibbli li t-tanbur jieqaf. L-għata tinfetaħ biss wara li t-tanbur ikun kważi wieqaf.

TWISSIJA: Jekk wara li l-għata tinfetaħ, it-tanbur idum iktar minn 3 sekondi biex jieqaf għal kollox, il-magna trid tissewwa. Itfi l-magna u ċempel lill-inġinier tal-manutenzjoni tiegħek.

Minħabba li jista' jseħħ korriment serju personali mit-tanbur li jkun qed idur lill-operatur, lill-inġinier tal-manutenzjoni jew lil kwalunkwe persuna li tkun fil-qrib, dawn il-prekawzjonijiet li ġejjin iridu jiġu segwiti:

TWISSIJA: Iddaħħalx subgħajk jew idejk imkien qrib it-tanbur, għax dawn jistgħu jinqabdu fl-ispazji fiż-żona tat-tanbur!

TWISSIJA: Aċċerta ruħek li ma tħalli l-ebda oġġett, għodda jew parti ġo l-għeluq tal-platesetter. Jekk oġġett jeħel, dan jista' jikkawża ħsara lis-sistemi tas-sigurtà tal-platesetter u jipperikola lill-utent u lill-personal tal-manutenzjoni.

TWISSIJA: Inti m'intix permess, taħt l-ebda ċirkustanza, li tegħleb lis-swiċċ interlock, jew li tattiva interlock defeater!

TWISSIJA: Jekk l-inġinier tal-manutenzjoni jkun attiva xi interlock defeaters, u l-għata jew il-pannell ta' quddiem tan-naħa ta' fuq ikunu miftuħa, toqgħodx quddiem il-platesetter fi kwalunkwe distanza. Tmissx l-ebda parti li titħarrek waqt li din tkun qed tiċċaqlaq.

ATTENZJONI: Jekk tkun teħtieġ li ttella' l-għata jew il-pannell ta' quddiem tan-naħa ta' fuq biex taqla' xi pjanċa li tkun weħlet, jew biex twettaq xi xogħol ieħor ta' manutenzjoni, neħħi kwalunkwe lbies jew oġġett li jista' jinqabad fit-tanbur jew f'partijiet oħrajn. Neħħi l-ingravata, xammar kmiem twal, neħħi l-ġojjellerija u iġbor xagħar twil.

Universal Debris Removal Cabinet (UDRC)

Il-UDRC imqabbad mal-platesetter hu parti mill-konfigurazzjoni tal-*Magnus* 800. Il-UDRC fih strument li jiffiltra li jneħħi trab, dħaħen, kontaminanti u fwar tas-solventi li jiffurmaw ġol-platesetter waqt it-tħaddim normali u li jridu jitneħħew.

Il-filtru jista' jinbidel biss mill-inġinier tal-manutenzjoni!

TWISSIJA: L-istrument li jiffiltra kien mibni skond regoli rikonoxxuti tas-sigurtà teknika. Madankollu, jista' jkun hemm periklu għall-ħajja ta' l-utent jew ta' terzi partijiet, jew issir ħsara lill-proprjetà jekk il-filtru ma jkunx immaniġġjat kif suppost.

Sistema tat-Tkessiħ tal-Fluwidi

Il-platesetter hu mgħammar b'sistema tat-tkessiħ tal-fluwidi li tkessaħ il-laser Thermal Head. Is-sistema tuża coolant ibbażat fuq l-ilma. Is-sistema tal-coolant m'għandha l-ebda partijiet li jistgħu jintużaw mill-utent. Is-sistema tat-tkessiħ tal-fluwidi hi ssiġillata u l-ebda tnixxija ta' coolant m'għandha sseħħ. Jekk fil-fatt ikun hemm tnixxija tal-coolant, itfi l-platesetter u ċempel lill-inġinier tal-manutenzjoni tiegħek.

PERIKLU: Hemm periklu ta' xokk elettriku u periklu ta' nar jekk is-sistema tat-tkessiħ tnixxi u l-platesetter ma jintefiex.

Filtru ta' l-Arja tas-Sistema tat-Tkessiħ

Il-filtru ta' l-arja tas-sistema tat-tkessiħ qiegħed wara l-pannell ta' wara tan-naħa t'isfel (ara *Figura 11*).

ATTENZJONI: Il-partjiet wara l-pannell ta' wara tan-naħa t'isfel jistgħu jkunu jaħarqu.

ATTENZJONI: Hu ergonimikament rakkomandat li tneħħi l-pannell ta' wara tan-naħa t'isfel mill-manki tiegħu.

Livelli ta’ Emissjonijiet tal-Ħsejjes

Il-livelli ta’ emissjonijiet tal-ħsejjes għal *Magnus* 800 platesetter, irrekordjati fl-impjant tal-manifattura, ma qabżux is-70 dBA.

Status Light Board

L-istatus light board tinkludi light emitting diodes li huma perikoluż għall-għajnejn jekk wieħed iħares lejhom mingħajr il-protezzjoni ta’ l-għatu ta’ l-istatus light. Jekk l-għatu jinkiser jew bil-ħsara, itfi l-platesetter u ċempel lill-inġinier tal-manutenzjoni tiegħek.



TWISSIJA: Dawl LED’3fta’ Klassi 3R meta miftuħ. Evita espożizzjoni diretta tad-dawl.

Kif Timmaniġġja l-Pjanċi

Ix-xfar tal-pjanċi jaqtgħu. Immaniġġjar ħażin jista’ jirriżulta f’korriment fl-idejn.



ATTENZJONI: Hu rakkomandat li jintlibsu l-ingwanti meta jiġu mmaniġġjati l-pjanċi.



ATTENZJONI: Erfa’ biss ammont ta’ pjanċi li hu adattat għal kapaċità tiegħek. Osserva l-prekawzjonijiet standard għal meta terfa’ oġġetti tqal.

Meta l-platesetter ikun lest biex jesponi, il-pjanċa titgħabba awtomatikament. Wara l-espożizzjoni, il-pjanċa tinħatt awtomatikament mill-ħruġ tal-pjanċa fuq in-naħa ta’ wara.



TWISSIJA: Minħabba l-fatt li l-pjanċa tinħatt awtomatikament mill-ħruġ tal-pjanċa fuq in-naħa ta’ wara, aċċerta ruħek li ma toqgħodx qrib ħafna ta’ dan il-ħruġ.

Kif Tneħħi Pjanċi Mwaħħlin

Prekawzjonijiet speċjali huma meħtieġa meta tkun qed tneħħi pjanċa li tkun weħlet ġol-platesetter.



PERIKLU: Il-pjanċi għandhom xfar jaqtgħu ħafna u jistgħu jikkawżaw korriment serju kemm lill-ġisem kif ukoll lill-għajnejn. Meta tkun qed ittella' jew tniżżel l-għata, il-pjattforma tat-tagħbija, il-pjattaforma tal-ħatt, jew tkun qed tneħħi pannell biex ikollok aċċess għal pjanċa li tkun weħlet, aċċerta ruħek li tidentifika l-post fejn tkun il-pjanċa u oqgħod attent biex ma tweġġax.



TWISSIJA: Qabel tneħħi xi pjanċa, neħħi oġġetti bħal ingravati u ġojjellerija, jew ilbies li jista' jinqabad mix-xfar jaqtgħu tal-pjanċa, mit-tanbur, jew minn partijiet oħrajn. Xammar kmien twal u iġbor xagħar twil.

Hu rakkomandat li terħi l-pjanċa sħiħa bħala biċċa waħda, u mhux tqattagħha biċċiet.

Toqob tal-Vacuum tat-Tanbur

It-toqob tal-vacuum tat-tanbur ser jimtlew b'kumulu ta' materjal u ħmieġ. Sabiex il-vacuum ikun effettiv, hu essenzjali li t-toqob ma jkunux imblukkati u jkunu ħielsa mit-trab. Għalhekk, għal skopijiet ta' tindif biss, Kodak tipprovdi lill-operatur b'kitt iddisinjat speċifikament għat-toqob tat-tanbur (parti numru 690-00127A). Uża biss l-għodda fil-kitt għat-toqob tat-tanbur biex tnaddaf it-toqob tal-vacuum tat-tanbur. L-operatur hu strettament ipprojbit li juża kwalunkwe għodda oħra.

Konnessjonijiet ta' l-Elettriku u Pnewmatiċi

L-utent hu pprojbit li jissostitwixxi jew li jibdel kwalunkwe konnessjonijiet ta' l-elettriku u pnewmatiċi mal-platesetter. Per eżempju, il-plagg ta' l-elettriku, ir-regolatur ta' l-arja, jew il-filtru pnewatiku ta' l-arja.



TWISSIJA: Tibdilx il-provvista ta' l-elettriku installata mill-inġinier tal-manutenzjoni. Tibdilx il-wajers ta' l-elettriku. Tibdilx it-tubi pnewmatiċi.

Batterija tal-Litju

Il-kompjuter tal-*Magnus* 800 Controller fih batterija tal-litju. Il-batterija ma tistax tinbidel mill-utent. Il-personal ikkwalifikat tal-manutenzjoni biss għandu l-permess biex jibdilha.

TWISSIJA: Hemm periklu ta' splużjoni jekk il-batterija ma tinbidilx b'mod korrett.

Għotjien tal-Kejbils

Matul il-proċedura ta' l-installazzjoni, il-personal tal-Kodak jinstalla għotjien tal-kejbils biex jipproteġi lill-kejbils ta' vultaġġ għoli. L-għotjien tal-kejbils iridu jibqgħu intatti. Hu pprojbit li tneħħi kwalunkwe għotjien tal-kejbils li jikxfu kejbils ta' vultaġġ għoli.



It-Tmiem tal-Ħajja Utli

Magnus 800 platesetter li jkun wasal fit-tmiem tal-ħajja utli tiegħu jista' jiġi żarmat biss minn personal awtorizzat tal-manutenzjoni.

Kodak

graphics.kodak.com